MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 437/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Raymond Bonnici**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjetajiet attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u disa' Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM1,609.91,0), ammont minnu dovut lilhom proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu,**

**(LM183.98,0), ghallkonsum u kera ta’ metres ta’ l-ilma u ta’ l-elettriku fil-fond Pia Flat 2, Triq San Tumas gewwa Hal Safi, Malta matul il-perjodu ta’ bejn it-23 ta’ Mejju tas-sena 1996 sas-26 ta’ Gunju tas-sena 1998 skond il-kont numru 865633000; kwantu ghas-somma ta’ disa’ mija u sitta u sittin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu, (LM966.62,0), ghall-konsum u kera ta’ metres ta’ l-ilma u ta’ l-elettriku fil-fond bin-numru 26, Marisa Flat 3, Triq Lorenzo Gatt, gewwa birkirkara, Malta matul il-perjodu ta’ bejn it-18 ta’ Novembru tas-sena 1997 sas-7 ta’ April tas-sena 2002 skond il-kont numru 1000007026; u kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u disgha u hamsin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu, (LM459.31,0), ghall-konsum u kera ta’ metres ta’ l-ilma u ta’ l-elettriku fil-fond bin-numru 379, Triq Fleur de Lys, gewwa Birkirkara, Malta matul il-perjodu ta’ bejn it-28 ta’ Lulju tas-sena 2000 sas-26 ta’ Marzu tas-sena 2001 skond il-kontu numru 1000045770 u d-dokumenti anness (WSC 1, WSC 2 u WSC 3);**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali tat-28 ta’ Jannar tas-sena 1998, tal-11 ta’ Marzu tas-sena 2004 u tas-26 ta’ Novembru tas-sena 2004 kontra tieghu li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjetajiet attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta’ Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjetajiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------